**KUNSILL LOKALI TAL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 05/11(28_07_11).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 28 ta' Lulju 2011, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, tal-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-7.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana – Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri – Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima – Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

Assenti kien hemm is-Sur Saviour Spiteri – Viċi-Sindku u s-Sinjura Carmen Said – Kunsillier.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fil-21 ta' Lulju 2011.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Sejħa għall-offerti – *Public Private Partnership* fuq Toroq.
6. Fondi Eco-Gozo – Proġett ta' Parti mill-Pjazza tal-Knisja.
7. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
8. Rapport taċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.
9. Rapport tas-Sindku.
10. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
11. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
12. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 58/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Aktar Impiegi fil-Kunsilli Lokali għall-Persuni b' Diżabilita``.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 59/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Website www.lc.gov.mt'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 60/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema EGOV4U għall-Kunsilli Lokali'.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 61/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Taħriġ fuq ICT'.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 62/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 27646, fejn saret referenza għall-Mistoqsijiet Parlamentari 27286 u 27285 u għat-tweġibiet relattivi, rigward kemm kull Kunsill Lokali qed jiġbor mill-ħlas ta' kontravvenzjonijiet wara li dawn jiġu deċiżi minn Tribunali Lokali għall-perjodu tal-aħħar sena u wara li jitħallsu l-ispejjeż kollha konnessi mas-sistema ta' infurzar.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 63/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali f' Lokalitajiet Żgħar'.

2.07 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand iċ-*Chairperson* – Exhibition Committee, Il-Fakulta' ta' l-Inġinerija fl-Universita' ta' Malta rigward 'Faculty of Engineering Final Year Project Exhibition 2011'.

2.08 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Kors ta' Taħriġ relatat mal-Website www.lc@gov.mt'.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* u l-Aġenda mingħand is-Segretarju Eżekuttiv, Reġjun Għawdex għall-ewwel laqgħa tas-Sotto-Kumitat Żvilupp Reġjonali għal Għawdex, fit-8 ta' Lulju 2011.

2.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand in-National Statistics Office rigward l-iStħarriġ dwar il-Kompożizzjoni tal-Iskart Muniċipali ta' bejn l-4 u d-9 ta' Lulju 2011.

2.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand it-Transport Malta rigward 'Application for a Permit for Road Closure'.

2.12 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali Ċirkulari AKL Ċirk 47/2011 rigward 'Devoluzzjoni ta' Dawl tat-Toroq'.

2.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Attendenza' fir-rigward ta' attivitajiet organizzati mis-Segretarjat flimkien mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn jiġu varati skemi u/jew jitħabbru l-benefiċjarji ta' l-iskemi li jkunu nħarġu.

2.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Proġetti li jirrelataw ma' aktar aċċessibilta' fil-lokalitajiet Maltin u Għawdxin'.

2.15 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Aġenzija Żgħażagħ rigward 'Kunsilli Lokali Żgħażagħ 2011/12'.

2.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEUSAC (Malta-EU Steering and Action Committee) rigward 'Local Council and NGOs meet FITA (Foundation for Information Technology Accessibility) and KNPD (Kummissjoni Nazzjonali Persuni b' Diżabilita`)'.

2.17 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali Ċirkulari AKL Ċirk 48/2011 rigward 'Water Services Corporation'.

2.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* u kopja ta' *Press Release* mingħand il-Culture Contact Point, Culture and Audiovisuals Unit fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward it-Tnedija tal-Inizjattiva Kulturali INVEX.

2.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Gwida dwar Segretarji Eżekuttivi li jkunu waslu għal eta' tal-penzjoni'.

2.20 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Malta Council for the Voluntary Sector (MCVS) rigward l-attivitajiet National Volunteer Award u The Children's Art Competition bħala parti mill-attivitajiet sabiex tiġi ċċelebrata l-European Year of Volunteering 2011 (EYV 2011).

2.21 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-'EGOV4U Project Opportunities'.

2.22 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex l-Aġenda ta' l-għaxar laqgħa u l-Minuti tad-disa' laqgħa, fit-23 ta' Ġunju 2011 ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.23 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Economics Officer fil-Ministeru għal Għawdex rigward 'Eco-Gozo Projects' fejn qed jiġi mitlub *Project Progress Report* kull xahar għal kull proġett kemm tal-Kunsill Lokali tal-Munxar u anke' tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.

2.24 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Office of the Elderly and Persons with Special Needs, Department of Customer Services fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward ir-'Renewal of Day Centre Agreement' u ġie mistieden għal-laqgħa tas-26 ta' Lulju 2011, fil-Ministeru għal Għawdex.

2.25 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-OASI Foundation rigward il-'Youth of the Year Award 2011'.

2.26 Il-Kunsill irċieva Memo 64/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward '*Playing Fields* tal-Kunsilli Lokali b' Tagħmir li jista' jkun Perikoluż'.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand resident ta' Triq San Pawl, Il-Munxar. Huwa qed jilmenta li għat-tielet darba kien hemm żbroff ta' drenaġġ. Huwa qed jitlob sabiex isir *water culvert* fi Triq Ras il-Bajjada u jiżbroffa fil-Wied ta' Triq San Pawl.
Il-Kunsill ħa l-passi meħtieġa rigward l-iżbroff ta' drenaġġ billi għamel rapport lil tas-Sanita'. Is-Sindku informa lill-Kunsill li *water culvert* ma huwiex vijabbli peress li Triq ta' Luvier dalwaqt tiġi asfaltata u ma huwiex ser jinġarr aktar materjal kull meta tagħmel ix-xita.

3.02 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand persuna li pparkjat il-karozza 'il ġewwa mil-linji u fl-istess ħin kien hemm tabella li l-post huwa *garage*. Minħabba f' hekk il-karozza ġiet ittowjata. Peress li ż-żebgħa sewda li kienet saret biex tgħatti l-*parking base* tħassret reġa' ġie qisu *parking base* għaliex dan il-*parking base* kien sar quddiem *garage* meta ma kienx jintuża bħala *garage*. Il-Kunsill appena rċieva l-ilment bagħat ħaddiem biex jerġa' jgħatti ż-żebgħa l-bajda u kiteb lill-Bord tal-Petizzjonijiet sabiex jingħata lura l-flus ta' *towing*.

3.03 Il-Kunsill irċieva ilment rigward it-tieni sellum minn-naħa tal-Paletta lejn il-Port għaliex huwa perikoluż ħafna. Dan għaliex l-aħħar skaluna qiegħda mbegħda mill-blat. Il-Kunsill kien ser jieħu l-passi meħtieġa sabiex dan is-sellum jitranġa.

3.04 Il-Kunsill irċieva mingħand Transport Malta rigward it-tisbiħ tal-Pjazza tal-Knisja. Qed jiġi propost xi emmendi fil-pjanti pero' l-bqija ma hemm l-ebda oġġezzjoni.

3.05 Il-Kunsill irċieva pjanti mingħand Christian Koller rigward il-monument ta' skultura li ser isir fil-Pjazzetta ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 05/11(28_07_11).

**5.00 Sejħa għall-offerti – *Public Private Partnership* fuq Toroq.**

5.01 Din il-materja ser tiġi diskussa ma' l-Onor. Dr. Chris Said meta ssir iż-żjara fis-16 t' Awwissu 2011.

**6.00 Fondi Eco-Gozo – Proġett ta' Parti mill-Pjazza tal-Knisja.**

6.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li għadu kemm irċieva konferma mingħand il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali li ser jagħti l-madum għaz-Zuntier b' xejn. Issa jmiss li l-Kunsill joħroġ it-*tender* sabiex isir xogħol li ser jiġi ffinanzjat mill-Eco-Gozo. 'Il quddiem il-Kunsill ser japplika għall-Iskema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali f' Lokalitajiet Żgħar.

**7.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

7.01 Bħalissa ħaddiema mill-IPSL qed jiżbgħu fix-Xlendi. Qegħdin jirranġaw xi madum li nqala' bil-maltemp. Tranġat il-bankina tal-*Parking* tax-Xlendi u tnaddfet il-*Boat Yard*. Twaħħlu diversi tabelli fix-Xlendi u tħawwlu l-pjanti fil-*pots*. Fil-Munxar tranġat il-bankina ta' Triq l-Isqawi u għadhom kemm twaħħlu l-Pannelli Solari fuq il-bejt tal-Kunsill.

**8.00 Rapport taċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.**

8.01 Iċ-*Chairperson* is-Sur Godwin Azzopardi ma kienx preżenti.

**9.00 Rapport tas-Sindku.**

9.01 Is-Sindku kellu laqgħa ma' l-Ispettur fuq lx-Xlendi għaliex kien hemm rapport dwar il-*Boat Yard* tax-Xlendi.
Is-Sindku attenda għal-laqgħa tar-Reġjun Għawdex. Il-Protest Ġudizzjarju ntilef u qed jitkompla l-proċess għas-servizz ta' *Wardens*. Qed jiġi kkunsidrat li din is-sejħa taqa'. Inħatar Sotto-Kumitat sabiex ġieħ Għawdex jingħata aktar importanza. Il-*logo* tar-Reġjun għal Għawdex ġiet approvata. Is-Sindku attenda għaċ-Ċerimonja tal-Kommemorazzjoni għall-Kunsill Ċiviku t' Għawdex. Għadhom kemm bdew jaħdmu żewġ ħaddiema mill-Iskema ta' l-ETC Xogħol fil-Komunita'.
Fil-jiem li ġejjin ser joħorġu t-*Tenders* tal-Miżuri 323 u 313.
Is-Sindku attenda għal-laqgħa rigward il-ftehim il-ġdid dwar it-Tmexxija ta' *Day Centre* f' Għajnsielem. Mill-Munxar hemm madwar 4 persuni li qed jattendu. Ser jogħla t-trasport u l-Moviment Azzjoni Soċjali qed titlob xi ammont aktar minħabba l-għoli tad-dawl u ilma.
Is-Sindku kiteb lill-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni dwar is-Servizz ta' l-Arriva. Ir-risposta mingħand il-Ministeru kienet li t-talba tal-Kunsill li s-servizz ta' *bus* jgħaddi mix-Xlendi għall-Munxar qiegħda fuq il-lista t-twila u bħalissa l-Ministeru qed jiffoka fuq il-lista l-qasira.
Is-Sindku kiteb lill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali rigward id-demel likwidu li qed jintefa' fl-għelieqi. Huwa talab lill-Ministeru jsib soluzzjoni ta' kif dan id-demel jiġi *disposed* fl-għelieqi.

**10.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

10.01 Ma kienx hemm x' jiġi rrapportat fir-Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.

**11.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

11.01 Is-Sur Mario Camilleri ssuġġerixxa sabiex ir-*railing* ta' quddiem l-entratura ta' Ġnien il-Professur Ġużè' Aquilina jitkabbar.

**12.00 Materji oħra.**

12.01 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill iwaħħal *corner mirror* mal-post l-antik li hemm fil-bidu ta' Triq Dun Spir Gauci, Il-Munxar. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 31 t' Awwissu 2011, fis-7.00 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***